**KUNSILL LOKALI ŻEBBUĠ**

**AGENDA NUMRU 30 – 20 ta' Frar 2014**

Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq l-Isqof Caruana fis-6.30 ta' filgħaxija sabiex issir Aġenda numru 30. Il-laqgħa bdiet fis-6.45pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Alfred Grixti | Sindku |
| | Thomas Agius | Viċi-Sindku |
| | Dr. Roderick Aquilina | Kunsillier |
| | Duncan Bartolo | Kunsillier |
| | George Cortis | Kunsillier |
| | Cain Grech | Kunsillier |
| | Catherine Sammut | Kunsilliera |
| | Robert Tabone | Kunsillier |
| | Philip Said | Kunsillier |
| Skużati: | Ħadd | |
| Assenti: | Ħadd | |
| Uffiċjal preżenti: | Christopher Formosa | Segretarju Eżekuttiv |
| | Paula M. Valletta | Segretarju Ezekuttiv *(Designate)* |
| Pubbliku: | Għal-laqgħa attenda l-Marketing u Events Co-ordinator Dr. Massimo Ellul. | |

## 1. APPROVAZZJONI ESTIMI FINANZJARJI SENA 2013

1.1. Is-Sindku Alfred Grixti talab li l-laqgħa tmur fi stadju ta' kumitat sabiex tittella' preżentazzjoni u diskussjoni dwar l-estimi finanzjarji għas-sena 2013. Fis-7:30pm il-laqgħa tal-Kunsill tkompliet.

1.2. Is-Sindku Alfred Grixti ppropona li wara l-preżentazzjoni mill-accountant tal-Kunsill Paul Bugeja u wara din il-preżentazzjoni u spjegazzjoni fi stadju ta' kumitat, il-Kunsill kien qiegħed japprova ir-

rapport finanzjarju għas-sena 2013. Din il-mozzjoni giet issekondata mill-Vici Sindku Thomas Agius.

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Thomas Agius, Duncan Bartolo, George Cortis, Cain Grech, Catherine Sammut, Robert Tabone, u Philip Said.

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Dr. Roderick Aquilina

L-estimi finanzjarji tas-sena 2013 gew approvati. (132)

2. Is-Sindku Alfred Grixti qal li aktar kmieni kien għamel kuntatt mal-ex Membru Parlamentari l-Perit Philip Mifsud dwar il-biċċa triq privata li hemm maġenb fejn se jsir l-iżvilupp fis-sit bl-indirizz ‘Goodwyns’, Triq Patri Pelaġju Mifsud, Ħaż-Żebbuġ. Il-Perit Philip Mifsud huwa l-perit tal-Kuntrattur. Min-naħa tiegħu l-Perit Mifsud assigurah li l-biċċa pedestrijana ser tkun aċċessibli għall-pubbliku imma mhux għall-vetturi, filwaqt li ser tingħalaq bil-bollards.Il-Kunsilliera kollha preżenti ma kellhom l-ebda oġġezzjoni li dan l-izvilupp isir.

   Is-Sindku Alfred Grixti kompla jgħid li kellem lill-Perit Mifsud dwar il-proġett tal-mini. Dan minħabba li fiż-żmien li saru l-pjanijiet dwar il-proġett, il-Perit Mifsud kien Assistent Parlamentari u dan il-proġett kien proprju f’idejh. Is-Sindku tenna jgħid li waqt laqgħa pubblika li saret fi Frar 2012, kien intqal li l-mina kienet ser titwal sa Triq Mikielanġ Sapiano. Pero’ l-iskop kemm tas-Sindku Alfred Grixti u kemm tas-Segretarjat ta’ Dr. Ian Borg huwa li dan il-proġett ta’ fejda mill-għargħar jitla’ sa Triq it-12 ta’ Mejju.

   Minħabba li l-Perit Philip Mifsud kien involut mill-bidu ta’ dan il-proġett, is-Sindku ppropona li huwa jitqabbad sabiex iħejji rapport tekniku dwar il-bżonnijiet ta’ dawn it-toroq. Is-Sindku żied jipproponi sabiex l-istess tip ta’ rapport isir ukoll għall-Triq l-Isqof Caruana sabiex jintlaqa’ l-ilma li gej minn Triq Paris u Triq Sciortino. Din il-proposta giet issekondata mill-Kunsillier Robert S. Tabone.

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Thomas Agius, Duncan Bartolo, George Cortis, Cain Grech, Catherine Sammut, Robert Tabone, u Philip Said u Dr. Roderick Aquilina

**Dawk Kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** Ħadd

Il-mozzjoni giet approvata unanimament. (133)

## 3. AĠĠORNAMENT

3.1. Is-Sindku Alfred Grixti aġġorna l-laqgħa għat-13 ta' Marzu 2014 fis-6.30pm. Il-laqgħa spiċċat fid-8.30 pm.

Alfred Grixti
Sindku

Paula M. Valletta
Segretarju Eżekuttiv